MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 16/2014

**Nigel Zerafa, Moira Zammit, Emiliana Cassar ahwa Zerafa u Elisabeth armla ta' Joseph Zerafa**

**Vs**

**L-Avukat Joseph Ellis u Tonio Ellis**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu minghand il-konvenuti hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u tmenin Ewro u sebghin centenzmu (€683.70) rapprezentanti hlas ghas-servizzi ta' elettriku u ilma (kera tal-meters u konsum) fil-fond mikri minn ghand l-atturi lil konvenuti fl-indirizz 53 (1) Triq Marina Marsalforn limiti Zebbug, Ghawdex liema kirja giet terminata bi skrittura tad-29 ta' Novembru 2010.

Illi l-konvenuti eccepew illi (1) preliminarjament l-inkompetenza ta' dan it-tribunal sabiex jiddeciedi l-materja prezenti (2) L-atturi jridu jippruvaw ili l-ammont pretiz huwa verament dovut (3) illi l-ammont mitlub ghandu jigi pacut ma flus dovuti lil Avukat Joseph Ellis kif mifthiem ma l-Avukat Mario Scerri.

Sema’ x-xhieda mressqa mill-partijiet u ra t-traskrizzjonijiet ta’ l-istess xhieda.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra d-digriet tieghu tat-tlettax (13) ta’ Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi fis-seduta ta’ l-10 ta’ Ottubru 2014 l-ewwel eccezzjoni konvenuta giet irtirata u ghalhekk dan it-tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni taghha.

Fil-mertu jidher illi kien hemm il-kirja msemmija fl-avviz u li din giet terminata bl-iskrittura tad-29 ta’ Novembru 2010 esebita a folio 12 tal-process. F’din l-iskrittura jinghad espressament illi kellhom jinqraw il-meters tas-servizzi u li l-konvenuti Ellis kellhom ihallsu dawn is-servizzi (kera tal-meters u konsum) sad-data li jibqa’ l-pusess f’idejhom.

L-iskuzanti illi qed igibu l-konvenuti meta jallegaw xi tpacija jew transazzjoni ma hijiex raguni li ghandha ixxejjen dan id-debitu. It-tentattivi li sta’ kien hemm bejn l-avukati u li qatt ma kien hemm konkluzjoni cara dwarhom la ghandhom jinfthemu bhala transazzjoni (li skond il-ligi dejjem ghandha issir b’mod skritt) u wisq anqas ghandhom jinfthemu bhala xi rununzja ta’ drittijiet.

Mill-provi kollha u specjalment mix-xhieda moghtija minn Nigel Zerafa fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 2014 jidher illi l-ammont rejalment dovut huwa ta’ sitt mija u hamsa u erbghin Ewro (€ 645).

Ghaldaqstant dan it-tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet ta’ l-atturi, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jikkundanna lil konvenuti jhallsu lil atturi s-somma ta’ sitt mija u hamsa u erbghin Ewro (€ 645) bl-imghax mil-5 ta’ Awissu 2013 (data ta’ l-ittra ufficcjali) il-quddiem. Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------